TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 12

It-Tlieta, 3 ta' Gunju, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 11 li saret nhar l-Erbgha, 7 ta' Mejju, 2025, kienu approvati wara li fil-paragrafu nru. 7.3 taht l-item "Komunikazzjoni tas-Sindku", il-Kunsillier Grech informa li flok il-kelma "filghaxija" ghandha tidhol il-kelma "filghodu". Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skuzat.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Ma kienx hemm Hwejjeg li Jirrizultaw mill-Minuti.

## 4 KORRISPONDENZA

*4.1* Is-Sindku qal li kien irċieva ilmenti dwar drivers ta' muturi li kienu qed jghaddu minn Sqaq Nru. 1, b'periklu ghal min ikun ghaddej. Ghalhekk issuġġerixxa biex issir talba ghal permess lil TM sabiex jiġu nstallati xi tip ta' bollards hdejn l-ewwel bieb tal-isqaq, li jaghmluha diffiċli biex jidhlu muturi fl-istess sqaq. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*4.2* Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva minghand Heritage Malta dwar ix-xoghol li ser jinbeda fil-Villa tar-Regina. Qed jiġi propost li jkun hemm kċina ghal permess ta' Class 4D u mwejjed u siġġijiet fit-terazzin u fil-gnien tal-Villa. Waqt id-diskussjoni li saret dwar il-fatt li dan il-post se jiġi kkumercjalizzat, tqajjem thassib dwar storbju minn ċertu attivitajiet li jistghu isiru u problemi ta' parking fl-akwata. Ghalhekk kien hemm qbil li tinkiteb email lil Heritage Malta b'dan it-thassib tal-Kunsill Lokali.

*4.3* Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien irċieva minghand il-CWSEF kopja ta' ittra li rċevew minghand l-avukat tal-Kunsillier Grech fejn qed jiġi mitlub li l-impjegat Liam Borg m'ghandux jibqa' mal-Kunsill Lokali Tal-Pieta`. Il-Kunsill deherlu li deċiżjoni dwar jekk Liam Borg jibqax jew le assenjat mal-Kunsill Lokali Tal-Pieta` hija f'idejn il-kumpanija CWSEF u l-Kunsill joqghod ma' tali deċiżjoni.

## 5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

**5.1** **Innu Tal-Pieta`**: Is-Sindku nforma li waqt il-kuncert tal-Festa, is-Socjeta` Filarmonika Madonna ta' Fatima ippreżentat Innu Tal-Pieta` lill-Kunsill Lokali. Dan l-innu, muzika ta' MRO Andrea Cassar u kitba ta' Fr. Reno Muscat, ser ikun qieghed isir *recording* tieghu fil-granet li gejjin.

*5.2* **Minn Pjazza ghal Pjazza**: Is-Sindku informa li nharget skema tad-DLG Minn Pjazza ghal Pjazza. Din trid issir attivita' fi Pjazza fil-lokalita` u li ghaliha se jinghataw fondi bejn 20 u 25 elf Ewro. Tal-Pieta` kienet wahda mil-lokalitajiet maghzula u l-attivita` ser issir fit-28 ta' Settembru fi Pjazza San Luqa u li ser tkun qed testendi sal-PBS.

*5.3* **AGM Regjun Lvant**: Is-Sindku informa li nhar it-Tlieta, 17 ta' Gunju ser issir l-AGM tar-Regjun Lvant u heggeg lil kulhadd biex jattendi.

*5.4* **Electric Van**: Is-Sindku informa li s-Segretarju Ezekuttiv kien gab stima ghal battery ġdida tal-electric van. Battrey ġdida tiswa madwar €18,000 + €1,500 labour costs. Tinbidel jew ma tinbidilx il-battrey, irid isirilha test li jiswa madwar €1,000 sabiex jiġi stabbilit l-istate of health tal-battrey. Ghalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk imurx ghal option li jaghmel test tal-battrey u f'kaz li tkun tista', din tinbidel. Jew jiddeċiedi li jixtri karozza.van gdid permezz tal-fondi DPF. Kien hemm qbil li ghalissa jingiebu kwotazzjonijiet ta' vettura elettrika ġdida.

*5.5* **Restawr fil-Villa tar-Regina minn Heritage Malta**: Is-Sindku informa li Heritage Malta kienet se tibda r-restawr tal-Villa tar-Regina fi Triq Telghet Gwardamanga. Huma talbu li jitqieghed scaffolding mal-faccata u jkun hemm post ghal un/loading. Ser jitnehhew wkoll, b'mod temporanju, xi parkeġġi mill-faccata tal-Villa u minflok ser issir bankina temporanja mal-parapetti minhabba s-sigurta` tar-residenti.

*5.6* **No Heavy Vehicles**: Is-Sindku informa li ghandha terga' ssir it-tabella No Heavy Vehicles hdejn id-detox sabiex ma jinżlux lejn Triq Telghet Gwardamanga u jintalab il-permess ghal tabella simili fil-bidu ta' Triq Zammit Clapp qabel titla minn Triq ix-Xatt. Ghandu jintalab ukoll il-permess ta' TM sabiex jitnehhew il-marki tal-istop fi Triq Zammit Clapp u t-triq tiġi one way kif inhi llum bi prova.

*5.7* **Xoghol hdejn il-Kappella tad-Duluri minn Infrastructure Malta**: Is-Sindku informa li Infrastructure Malta kienet bdiet xoghlijiet fl-area tal-Kappella tad-Duluri u Triq Joe Gasan relatati mal-progett C-SAM Project sabiex isiru bike lanes fl-inhawi. Il-Kunsill Lokali ma kienx infurmat li kien ser jinbeda x-xoghol u intalbet laqgha ma' IM fuq il-post. Gie deċiż li x-xoghol jieqaf mill-area ta' hdejn il-Kappella u l-pavimentar jiġi preservat. Minflok, il-bike lane ser tghaddi minn Triq Joe Gasan u tibqa' nieżla minn Triq ix-Xatt, minn quddiem ix-showroom ta' Satariano. Se jkun qed jinghalaq l-access ghal Triq id-Duluri minn Triq ix-Xatt u b'hekk ikun qed jonqos it-traffiku minn quddiem il-Kappella. Kien hemm qbil dwar din l-ghazla.

## 6 MISTOQSIJIET

*6.1* Il-Kunsillier Grech irrimarka li hemm xi bollards fi Triq ix-Xatt, fl-area tal-BOV, li qed jiċċaqalqu u ghandhom bżonn jiġu ssikkati.

*6.2* Il-Kunsillier Grech qal li hemm sprall fi Triq Blackley quddiem il-kazin tal-PN u li qieghed idejjaq lil kulmin ikun fejn l-ghatba tal-kazin . Is-Sindku qal li inxtrat mat tal-plastic sabiex jiġi mghotti dan l-isprall.

*6.3* Il-Kunsillier Grech qal li ghandha ssir aktar ronda mill-Pulizija fi Triq l-Ursolini u fl-area tal-car park minhabba l-abbuzi li qieghed ikun hemm. Il-Kunsill ha nota ta' dan.

***6.4*** Il-Kunsillier Grech fakkar biex jinbidel l-LED tat-tabella li hemm quddiem il-Kappella tad-Duluri u sabiex jiġi ccekjat jekk ghandiex tiżdied bozza mal-faccata ta' Guest House fi Triq ix-Xatt, fil-bidu tas-service road.

**7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

***7.1*** Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 11. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

**8. TMIEM**

***8.1*** Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 2 ta' Lulju, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku